MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 709/2006

**Talba Nru: 709/06VGD**

Mobisle Communications Limited (C24655)

Vs

Pure Magic Promotions Limited

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas minghand is-socjeta' konvenuta tas-somma ta' tlett mija u dsatax-il lira Maltin u disa u disghin centezmu (Lm319.99c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 10393 ghal servizzi lilha rezi fix-xhur ta' bejn Dicembru

2004 u April 2005, bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Settembru 2005 u dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-Avviz, u dawk tal-ittra ufficjali lil banek relativa ghall-imsemmi mandate, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija u dsatax-il lira Maltin u disa u disghin centezmu (Lm319.99c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------